MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Numru. 1111/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**YANICA BARBARA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Yanica Barbara ta' 19- il sena, bint George u Mary nee' Farrugia, mwielda nhar l- 4 ta' Settembru 1990 gewwa Pieta', residenti fil- fond 24, Triq il- Palazz l- Ahmar, Santa Venera u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 416790(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli

1) nhar id- 19 ta' Awwissu 2009 f' xi hin matul il-gurnata, gewwa l- hanut Save Wise li jinsab fi Triq il- Pont Mosta, ikkommettiet serq ta' Cash link Card, mahruga mill- BOV f' isem Rita Tonna, liema serq huwa aggravat bil- persuna;

2) ukoll talli fl- istess data imma f' diversi hinijiet u postijiet differenti gewwa l- Mosta irrendiet ruhha bhala komplici f' serq li sar bl- istess cash link card liema serq jammonta ghas- somma ta' € 327.18 u liema serq huwa aggravat bil- valur ta' aktar minn €232.94 u li sar ghad-dannu ta' Rita Tonna u jew persuni ohra;

3) ukoll talli fl- istess data, imma f' diversi hinijiet u postijiet differenti gewwa l- Mosta rrendiet ruhha bhala komplici f' falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat fuq akkont ta' terzi persuni b' falsifikazzjoni jew tibdil fl- iskrittura jew fil-firem, billi nholqu pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li jkunu iffurmati, inkella billi zdiedu jew tbiddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' l- cash link card tal- BOV u dan bi ksur tal- Artikolu 183 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

4) ukoll talli fl- istess data imma f' diversi hinijiet u postijiet differenti gewwa l- Mosta, irrendiet ruhha bhala komplici meta b'mezzi kontra l- Ligi, jew billi sar uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b' qerq iehor, ingann, jew billi ntweriet haga b'ohra sabiex giet imgieghla titwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, biex sar qliegh ta' €327.18 ghad- dannu ta' Rita Tonna u jew persuni ohra u dan bi ksur tal- Artikolu 308 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinsab ferm iddisturbata b' din il-kawza. Il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex persuna li, milli jidher ma jonqosha xejn, tirrikorri ghas-serq biex takkwista oggetti b'mod ghal kollox illecitu u tissogra taffaccja sentenza ta' prigunerija massima ta' erba' snin. Tali imgieba hija ghal kollox inspjegabbli, aktar u aktar meta tiehu in konsiderazzjoni li l-imputata u l-gharus taghha huma t-tnejn studenti qed jithejjew ghal karriera ta' statura u responsabbilta' ferm gholja. Bid-dovut rispett lejn kulhadd, din m' hix semplici bravata ta' studenti, taz-zoghzija, izda stupidagni kbira li jista' jkollha konsegwenzi disastruzi fil-futur tal-imputata. L-uniku fattur li jimmilita favuriha hu li hi rritornat ir-res furtive kollha u fl-istqarrija taghha ammettiet in-nuqqas taghha.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 268, 267, 308, 183 u 42 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------